Laqgħa Nru. RGĦ 31/13

**Minuti tal-31 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju 2013.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa fis-2.30 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; Dr Samuel Azzopardi (President), Joseph Sultana (Viċi president) il-membri Joe Cordina, Paul Azzopardi, Mario Azzopardi, Salvu Borg, Francis Cauchi, Anthony Formosa, Nicky Saliba, Charles Said, Frances Galea (membru sostitut minflok Philip Vella) u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

Intqalet t-talba u peress illi l-minuti tat-30 u 31 laqgħa kienu ntbgħatu minn qabel, ma nqrawx u ġew approvati unanimament.

1. **<u>Korrispondenza</u>**

1.1 Mingħand id-Direttur Gvern Lokali dwar l-iskema ta' Finanzjament għal Attivtajiet Kulturali 2012

1.2 Mingħand id-Direttur Gvern Lokali dwar l-iskema ta' Finanzjament għal Attivtajiet Kulturali 2013; fejn ġejna nfumati illi ġew allokati € 1000 għall-attività ta' Jum Għawdex

1.3 Mingħand Ray Abela (Managing Director - TCTC) dwar business breakfast on Saturday, 25th May 2013.

1.4 Mingħand id-Direttur Gvern Lokali fuq talba tal-Kumitat Reġjonali dwar allokazzjoni finanzjarja sabiex tittaffa l-problema tal-*cash flow*. Ir-risposta tad-Direttur kienet illi d-Dipartiment m'għandux flus addizzjonali sabiex jgħaddu lir-Reġjuni. Però qed tittieħed inkonsiderazzjoni din il-problema u qed tiġi diskussa internament.

1.5 Mingħand Katya Scicluna Manager tal-*Gozo Action Group (GAG)* fejn infurmat illi Dr Samuel Azzopardi ġie appuntant Chairman tal-GAG, waqt li l-Kumitat Reġjonali kellu jerġa japprova jew jaħtar it-tlett membri tiegħu. Dr Samuel Azzopardi u Joe Cordina kkonfermaw illi jixtiequ jibqgħu membri fil-GAG. Il-Kumitat qabel unanimament. Dr Samuel Azzopardi nforma lil membri preżenti illi is-Sur David Apap mhux ser jerġà jkun membru fil-GAG. Il-Kumitat Reġjonali nnomina lil Mario Azzopardi (membru) sabiex ikun membru fil-GAG. Mario Azzopardi aċċetta din in-nomina.

2. **<u>Ħatra ta' żewġ rappreżentanti mir-Reġjun bħala membri fuq il-Kumitat tat-Tmexxija taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum</u>**

2.1 Is-Segretarju nforma illi rċieva mingħand il-Minsiteru għal Għawdex sabiex jiġu nominati żewġ membru fuq il-Kumitat tat-Tmexxija taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż illi l-membri għandhom ikunu minn lokalitajiet li jużaw dan iċ-Ċentru, peress illi hemm lokalitajiet illi għandhom ċentru fil-lokalità tagħhom. Il-Kumitat Reġjonali nnomina lis-Sur Nicky Saliba (membru) u s-Sur Anthony Formosa (membru) sabiex ikunu membri ta' dan il-Kumitat. Is-Sur Nicky Saliba u s-Sur Anthony Formosa aċċettaw in-nomina.

**Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat – Għawdex VCT 1020**
**TEL: 21561653 FAX: 21563355**

## 3. Rapport – laqgħa ma' rappreżentant tal-Aġenzija tal-Gwardjani Lokali

3.1 Is-segretarju nforma illi fuq talba tas-Sur Kenneth De Martino, saret laqgħa bejnu, l-Uffiċjali Awtorizzat, il-President tar-Reġjun u s-Segretarju. It-temi li ġew diskussi kienu jirrigwardaw proposti sabiex titjieb is-sostenibiltà tas-sistema tal-infurzar lokali. Minn naħa tal-Kumitat Reġjonali tqajjmu żewġ punti. Waħda illi tirrigwarda t-tip ta' kontravenzjonijiet li qed joħorġu. Ġie rrimarkat illi fil-laqgħat tar-Reġjun kemm il-darba qam il-punt illi qed jingħataw ħafna kontravenzjonijiet *in motion*. Waqt illi għandu jkun hemm sorveljanza għal dan it-tip ta' kontravenzjonijiet, ġie suġġerit illi ma jkunx hemm gwardjani illi jissorveljaw biss dawn it-tip ta' kontravenzjonijiet. Għandu jkun hemm bilanċ fl-infurzar bejn it-tipi ta' sorveljanza minn naħa tal-gwardjani. Il-punt l-ieħor li tqajjem huwa illi f'ċertu ħinijiet tal-ġurnata, l-*performance* tal-gwardjani tkun baxxa ħafna. Ġie suġġerrit illi bi qbil mal-aġenzija u l-Gwardjani u mingħajr ma jinkisru l-ebda klawsoli tal-kuntratt iffirmat bejn l-Aġenzija tal-Gwardjani Lokali u r-Reġjun, jiġi aġġustat r-*roaster* tal-Gwardjani sabiex isir l-infurzar meta verament ikun hemm bżonn. Il-membri qablu ma dawn il-punti mressqa waqt il-laqgħa.

3.2 Is-segretarju semma illi s-sur DeMartino ressaq diversi punti. Waqt il-laqgħa ssemmiet il-problema tas-sinjali u żebgħa fit-toroq, liema problema qed taffettwa ħażin l-ħidma tal-gwardjani lokali. Intalab sabiex isir sforz sabiex din il-problema tittaffa kemm jista' jkun. Issemmew ukoll l-*ispeed cameras* illi l-Kumitat Reġjonali ilu għaddej mat-Transport Malta sabiex jiġu approvati minn Lulju 2012. Is-segretarju nforma lid-Direttur tal-Gvern Lokali b'dan, u minn naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali qed tittieħed azzjoni mat-Transport Malta.

3.3 Is-segretarju nforma illi kif ġie deċiż fl-aħħar bdiet proċedura sabiex jinġabru d-debituri fejn ser tintbgħat ittra lil dawk li ma ħallsux iċ-ċitazzjoni wara d-deċiżjoni tat-Tribunal Lokali jew/u l-Bord tal-Petizjonijiet. Barra minnhekk intalbet l-għajnuna tad-Datatrack sabiex tingħata nformazzjoni dettaljata ta dawk il-kontravenzjonijiet illi ma tħallsux bejn Settembru u Diċembru 2011. Din l-informazzjoni għada qed issir u tittella' fil-laqgħa li jmiss.

## 4. Approvazzjoni tal-Pagamenti

4.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 20 illi tammonta għal € 2,822.89 ġiet approvata.

## 5. Materji oħra

5.1 Il-President wara diskussjoni mal-membri propona illi ssir ikla fejn jiġu mistiedna għaliha u bħala turija ta' radd il-ħajr lil dawk il-membri uxxenti wara l-aħħar elezzjonijiet lokali. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

5.2 Peress illi ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi, il-laqgħa spiċċat fis-3:45 pm.

________________ ________________

Dr Samuel Azzopardi
President

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv